MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2008

Rikors Numru. 219/2007

**Fl-atti tal-mandat ta` sekwestru numru 1338/06 fl-ismijiet:**

**Dr. Paul Farrugia u P.L. Gerald Bonello bhala kuraturi deputati sabiex jirreprezentaw lill-assenti Massimiliano Da Crema**

**vs**

**Sylvia Degiorgio**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li bih ippremettew illi:

L-esponenti kienet inizzjat kawza ghad-danni fl-ismijiet *Salvina Degiorgio et vs Massimiliano da Crema (Citaz.*

*Nru. 1152/94 FDP)* liema kawza kienet giet deciza fit-28 ta` Jannar, 2004.

Sussegwentement inharget it-taxxa liema taxxa inbaghtet lill-assikurazzjoni koncernata li kienet l-assikuratrici ta` Massimiliano da Crema u din l-assikurazzjoni halset skond it-taxxa (Dok. A)

Gara illi intalbet korrezzjoni fit-taxxa b`mod informali peress illi ma kienx gie inkluz fit-taxxa originali d-drittijiet tal-kuraturi. A bazi ta` din it-taxxa korretta inhareg il-mandat odjern ippresentat mill-kuraturi (Dok. B).

Is-socjeta` assikuratrici qed tirrifjuta li thallas id-differenza peress illi qed targumenta illi t-taxxa giet korretta b`mod informali u mhux permezz tal-procedura kontemplata fil-ligi u kwindi t-taxxa korretta hija nulla ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogghobha tirrevoka l-mandat ta` sekwestru fl-ismijiet premessi u tordna l-hrug tal-kontro-mandat relattiv u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta fejn ecepiet illi:

1. Dina l-procedura hija inkorretta stante l-fatt li Sylvia Degiorgio, meta giet notifikata formalment bit-taxxa ufficjali li a bazi taghha inhareg il-mandat ta` sekwestru numru 219/2007, jekk deherilha li kellha bazi sabiex tattakkaha (u dana huwa michud bil-qawwa) kellha tipprocedi ghall-impunjazzjoni ta` l-istess taxxa fil-mod imfisser fl-artikolu 64(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta u dana fit-terminu hemm stipulat, u mhux tittanta tikseb ir-revoka ta` l-mandat b`dina l-procedura. Semmai, kien ikollha dritt tittanta tikseb ir-revoka tal-mandat **wara** li dina l-Onorabbli Qorti tiddeciedi dwar talba specifika avvanzata taht l-artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta.

2. Minghajr pregudizzju ghall-premess ma huwiex minnu li giet mitluba xi korrezzjoni mill-esponenti fit-taxxa mahruga mir-Registru tal-Qrati Superjuri, ezebita mir-

rikorrenti bhala Dokument A. Dina hija merament kongettura bla ebda bazi fattwali ivvintata minn Sylvia Degiorgio sabiex minghalija issib skuza li tintitolaha ma thallasx dak li ordnatilha thallas dina l-Onorabbli Qorti. Fil-fatt, il-mandat ta` sekwestru inhareg semplicement wara li l-esponenti kisbu kopja tat-taxxa li giet annessa ma` l-mandat ta` sekwestru, minghajr kwalunkwe talba ghal korrezzjoni.

3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-taxxa li a bazi taghha inhareg il-mandat hija wahda valida u effettiva, tant li giet sanzjonata minn dina l-Onorabbli Qorti.

4. Jigi rilevat ukoll illi semmai, fit-taxxa li skond Sylvia Degiorgio hija valida (ezebita minnha bhala Dokument A), id-drittijiet u spejjez dovuti lill-konvenut jinsabu elenkati, u hija t-tabella tal-kjamat in kawza li tinsab nieqsa. Jidher li Sylvia Degiorgio injorat il-fatt li l-kuraturi deputati gew appuntati proprju in rapprezentanza tal-konvenut Massimo da Crema, filwaqt li s-socjeta` Elmo Insurance Services Limited, in rapprezentanza tas-socjeta` estera Sun Alliance & London Insurance plc, giet awtorizzata tintervjeni *in statu et terminis* fil-kawza b`digriet tas-17 ta` Dicembru, 1996. Ghalhekk, jekk kien hemm xi haga mankanti mit-taxxa ezebita bhala Dokument A kienet it-tabella tad-drittijiet u spejjez dovuti lill-intervenut fil-kawza, u mhux lill-konvenut, hekk kif rapprezentat mill-kuraturi deputati.

Rat id-dokumenti esibiti.

Semghet lid-difensuri.

Ikkunsidrat illi din hija procedura a tenur ta` l-Art. 283A tal-Kap 12 li jghid:

*"283A. (1) Minghajr pregudizzju ghal kull jedd iehor taht din il-ligi jew xi ligi ohra, min jinhareg kontrih att esekuttiv jista` jaghmel rikors lil dik il-qorti li tkun harget dak l-att fejn jitlob li l-att esekuttiv jithassar, sew ghal kollox jew f`parti minnu biss, ghal raguni valida skond il-ligi".*

Ir-rikorrent qed tibbaza t-talba taghha fuq il-fatt illi t-taxxa li a bazi taghha qeghdin jagixxu l-kuraturi m`hijiex identika ghal dik li nghatat lill-assikurazzjoni taghha.

Il-Qorti tikkonsidra li t-taxxa li fuqha qed jagixxu l-kuraturi setghet tigi attakkata bil-mod li jipprovdi l-Art. 64 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta.  Huma biss il-proceduri a bazi tal-Art. 64 li jistghu b`xi mod jimpunjaw taxxa mahruga u notifikata.  Huwa minnu dak li jghidu l-kuraturi illi huwa biss wara ezitu favorevoli ta` proceduri skond l-Art. 64 li semmai ikun jista` jigi b`xi mod attakkat mandat ezekuttiv mitlub u ottenut.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta u tiddeciedi billi tichad it-talba kontenuta fir-rikors tas-27 ta` Frar, 2007.

Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------